

32003D0885

19.12.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 332/41

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tas-17 ta' Novembru 2003****li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-applikazzjoni ta' ċerti atti Komunitarji dwar it-territorju tal-Prinċipalità ta' Monako**

(2003/885/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Artikolu 2

Wara li kunsidra t-Trattat li jstabBilixxi l-Komunità Ewropea u b'mod partikolari Artikolu 133 flimkien ma' Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Wara li kunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) L-Kummissjoni innegozjat għan-nom tal-Komunità Ftehim dwar l-applikazzjoni ta' ċerti atti Komunitarji dwar it-territorju tal-Prinċipalità ta' Monako.
- (2) Ċerti kompiti għall-implimentazzjoni ġew attribwiti għall-Kumitat Konġunt stabbilit taħt il-Ftehim, u b'mod partikolari s-setgħa li jiġu emendati ċerti aspetti ta' l-annessi magħhom.
- (3) Il-proċeduri interni approprijati għandhom jiġu stabbiliti sabiex jiġi assigurat il-funzjonament adattat tal-Ftehim waqt li huwa neċessarju li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa biex taqbel ma' ċerti emendi għall-Ftehim u tieħu ċerti deċiżjonijiet għall-implimentazzjoni tiegħu.
- (4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat jaħtar il-persuna(i) mogħtija s-setgħa biex tiffirma/jiffirmaw, għan-nom tal-Komunità, l-Ftehim imsemmi f'Artikolu 1 sabiex il-Komunità tintrabat. Il-President tal-Kunsill jew il-ħatra(iet) tiegħu għandha/ għandhom, għan-nom tal-Komunità, tinnotifika/jinnotifikaw lil Monako bil-kompletazzjoni tal-proċeduri kif previst f'Artikolu 6(1) tal-Ftehim.

Artikolu 3

1. Il-Komunità għandha tiġi rappreżentata mill-Kummissjoni dwar il-Kumitat Konġunt stabbilita taħt Artikolu 3 tal-Ftehim.

2. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fil-Kumitat għandha tiġi determinata mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni; il-Kunsill għandu jaġixxi bl-istess regola ta' votazzjoni bħal dik applikabbli għall-adozzjoni ta' l-att Komunitarju konċernat.

3. B'deroga għall-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tadotta l-pożizzjoni Komunitarja dwar deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-adozzjoni ta' atti Komunitarji għall-Anness tal-Ftehim, meta l-atti in- kwistjoni jemendaw atti diġà kontenuti fihom.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipalità ta' Monako dwar l-applikazzjoni ta' ċerti atti Komunitarji dwar it-territorju tal-Prinċipalità ta' Monako huwa hawnhekk approvat għan-nom tal-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Novembru 2003.

*Għall-Kunsill**Il-President*

F. FRATTINI